**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 37**

It-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Darren Carabott kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 36 li saret fl-24 ta' Ottubru 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

| | |
|---|---|
| P.L. 738 | Rapport dwar il-parteċipazzjoni ta' Dr Noel Buttigieg Scicluna u Dr Francis Agius fil-laqgħa tal-Bureau tal-Assoċjazzjoni tal-ex-Membri Parlamentari tal-Membri Stati tal-Kunsill tal-Ewropa li saret f'Berlin fl-14 ta' Ottubru 2022. |

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 1453 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 739 Tagħrif dwar infiq fuq safar, mobiles u fuel miċ-chairpersons tal-bordijiet fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Settembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1466;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 740 Avviż Legali Nru 269 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 741 Tagħrif dwar in-numru ta' advisors impjegati permezz ta' kuntratt/direct order li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal fis-snin bejn Ġunju 2021 u Settembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2616;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 742 Tabella li turi tagħrif dwar id-dħul u ħruġ ta' bastimenti tas-sajjieda tat-tonn, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3289;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 743 Tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet li daħlu għand l-Enemalta għal bozoz ġodda fil-lokalitajiet tas-7 u tat-12-il distrett matul l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3258;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 744 Lista li turi n-numru tal-laqgħat tal-Kumitat Ġenerali tal-Kumitati maqsuma xahar b'xahar bejn Jannar u l-14 ta' Ottubru 2022, maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3083; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 745 Tagħrif dwar infiq fuq safar, mobiles u fuel fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Settembru 2022, miċ-chairpersons tal-bordijiet fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1467.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 746 Dikjarazzjoni tal-Assi għas-sena 2021 tal-ex-Ministru Evarist Bartolo magħmula skont il-Kodiċi ta' Etika minn Ministri u Segretarji Permanenti.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Kamra qablet li fid-dawl li fl-istess seduta kellhom jingħataw il-kondoljanzi fir-rigward ta' telfa ta' Membru kurrenti, ingħata permess biex fil-Kamra jidħlu fotografu u cameraman biex jieħdu ritratti u filmati waqt li jkun qed jingħataw il-kondoljanzi, u li l-filmati li jittieħdu għandhom ikunu tal-kelliema miż-żewġ naħat tal-Kamra.

## KONDOLJANZI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Gvern, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Oppożizzjoni, esprimew il-kondoljanzi tagħhom wara l-mewt tal-Membru Parlamentari s-Sur Robert Arrigo, li ġrat fit-18 ta' Ottubru 2022.

L-Ispeaker ingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra fis-sentimenti espressi u talab lill-Iskrivan tal-Kamra biex iwassal il-kondoljanzi lill-familja Arrigo.

P.L. 747 Ktejjeb maħruġ mill-Uffiċċju tal-Ispeaker b'tifkira tad-Deputat Robert Arrigo.

## MOZZJONIJIET

### 79. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali" inqara l ewwel darba.

### 80. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi Ċivili" inqara l ewwel darba.

## PERMESS TAL-KAMRA

Bil-permess, il-Kamra għaddiet biex jitressqu erba' mozzjonijiet mingħajr avviż.

### 81. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Prim Ministru, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali" inqara l-ewwel darba.

## 82. SOSTITUZZJONI TEMPORANJA TA' MEMBRI PARLAMENTARI FID-DELEGAZZJONI GĦALL-OSCE PA

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ippropona:

Illi b'referenza għall-Mozzjoni 31 mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Mejju 2022 li ħatret lill-Onor. Joe Giglio membru fid-delegazzjoni tal-Parlament Malti għall-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE PA), il-Kamra tirriżolvi li għal-Laqgħa tal-Ħarifa ta' din l-Assemblea li se tinżamm ġewwa Varsavja, il-Polonja fl-24 u l-25 ta' Novembru 2022, l-Onor. Ivan Castillo jissostitwixxi lill-istess Onor. Joe Giglio.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 83. MOZZJONI SABIEX JIĠU APPROVATI L-ESTIMI TAL-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA GĦAS-SENA 2023

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ippropona:

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l-Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2023;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Awditur Ġenerali s-Sur Charles Deguara, personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fit-12 ta' Ottubru 2022;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b'mod unanimu rrikkmanda li l-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk tapprova dawn l-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 84. MOZZJONI TA' PROĊEDURA LI TIRREGOLA S-SEDUTI KONNESSI MAL-ESTIMI ĠENERALI 2023 U L-ESTIMI SUPPLIMENTARI 2022

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne ppropona:

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 2023 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 2022.

### A. Provvedimenti Ġenerali

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba' seduti għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti Nru 71(3)(ċ)).

2. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess ġurnata.

3. Illi matul il-ġranet tad-dibattiti dwar l-Estimi Ġenerali 2023, kif ukoll fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista għall-Estimi Ġenerali 2023, u l-Estimi Supplimentari għas-sena 2022, il-ħin li fih għandha tiltaqa' l-Kamra hu kif ġej:

(i) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għas-Saħħa, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m. u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(ii) fis-seduta mħollija għad diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(iii) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m. u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(iv) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(v) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m. u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(vi) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(vii) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ġustizzja, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m.u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(viii) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(ix) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m.u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(x) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma

jitteħidx;

(xi) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00a.m.u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xii) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xiii) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m. u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xiv) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xv) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m. u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xvi) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xvii) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Turiżmu, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bid-dibattitu jibda fid-9.00 a.m. u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xviii) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx; u

(xix) fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m., il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m., bid-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

4. Illi l-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha fuq l-Estimi Ġenerali 2023, Kumitat ta' Provvista, Estimi Supplimentari 2022, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi minbarra t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, kemm filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

6. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm filgħodu, kemm wara nofsinhar u kemm filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern.

7. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2023 jew l-Estimi Supplimentari 2022 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol u wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

8. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2023, l-Estimi Supplimentari 2022 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kemm filgħodu, wara nofsinhar u anke filgħaxija, kif ikun jidher fuq l-Aġenda.

**B. Estimi Ġenerali 2023**

1. Illi jkun hemm żewg seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 2023; u l-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern; u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49 jew xi riżoluzzjoni oħra. Il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fit-8.30 p.m. u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin tal-Aġġornament ta' dawn is-Seduti ma jitteħidx.

2. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista:

(i) kull Ministru jressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(ii) fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, id-diskussjoni tiġi meqjusa bħala konkluża salv għal xi rikonsiderazzjoni li jista' jipproponi l-Gvern dakinhar jew f'data ulterjuri sabiex jitressqu emendi għal xi riżoluzzjonijiet partikolari; u t-tqegħid tal-mistoqsija fuq ir-riżoluzzjonijiet kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom jiġu posposti għal seduta/i li d-dati tagħhom jiġu deċiżi mill-Gvern, f'liema seduta/i Ministru jista' wkoll iressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni; u

(iii) fis-seduta/i allokata/i għar-rikonsiderazzjoni ta' xi riżoluzzjonijiet jew/u għat-teħid tal-votazzjonijiet u l-emendi li jista' jkun hemm għalihom, skont il-paragrafu preċedenti, l-ewwel votazzjoni għandha tittieħed ħames minuti wara li tintalab waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

3. Illi l-voti ta' kull Ministeru fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni u fid-dati kif jidhru hawn taħt u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħu jiġu diskussi f'seduta waħda.

Il-ħinijiet u d-dati tad-dibattiti kif spjegati fl-iskeda murija hawn taħt jistgħu jinbidlu bi ftehim milħuq fil-Kamra.

DISKORS TAL-BUDGET
It-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2022 fis-6.30 p.m.

RISPOSTA MILL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI
It-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2022 mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.

RISPOSTA MILL-PRIM MINISTRU
It-Tlieta, 1 ta' Novembru 2022 mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.

L-EWWEL SEDUTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

L-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IT-TIENI SEDUTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

L-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IT-TIELET SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

It-Tnejn, 7 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IR-RABA' SEDUTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

It-Tnejn, 7 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IL-ĦAMES SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

It-Tlieta, 8 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IS-SITT SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI

It-Tlieta, 8 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IS-SEBA' SEDUTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

L-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IT-TMIEN SEDUTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U
D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR

L-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

ID-DISA' SEDUTA
MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

It-Tnejn, 14 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

L-GĦAXAR SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA

It-Tnejn, 14 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IL-ĦDAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

It-Tlieta, 15 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IT-TNAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

It-Tlieta, 15 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IT-TLETTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR

L-Erbgħa, 16 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

L-ERBATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

L-Erbgħa, 16 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IL-ĦMISTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

It-Tnejn, 21 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IS-SITTAX-IL SEDUTA
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

It-Tnejn, 21 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IS-SBATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IT-TMINTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

ID-DSATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

L-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2022 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

Il-votazzjonijiet fuq ir-Riżoluzzjonijiet u l-Emendi konnessi mal-Estimi,
l-Approprjazzjoni għas-sena 2023 – l-istadji kollha, u
l-Estimi Supplimentari 2022 – l-istadji kollha,
jittieħdu *f'seduta li d-data li tiġi deċiża mill-Gvern skont il-paragrafu B.(2)(ii).*

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI – ABBOZZ NRU 6**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

L-Onor. Carmelo Abela ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, Kap. 437" inqara t-tielet darba u għadda.

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra għaddiet għall-ħames item li kien jidher fuq l-aġenda.

**5. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IT-TIĠDID TA' KIRI TA' RABA' – ABBOZZ NRU 15**

Il-Kamra rriżumiet mid-19 ta' Ottubru 2022 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julia Farrugia Portelli, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Alicia Bugeja Said u l-Onor. Chris Bonett għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Mark Anthony Sammut, għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-7.01 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' | Tieni Qari (Kont.) |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dawr il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u l-liġijiet varji dwar il-Protezzjoni Ċivili | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Alex Borg, mill-Onor. Stanley Zammit u mill-Onor. Ivan Castillo.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m. kif komunikat mis-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**